# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru 294

KAZ NRU 413

Fit-tilwima tax-xoghol
bejn
It-Taqsima Tessuti Hwejjeg u
Gild tal-General Workers Union
u
l-Kumpanija Bleimund (M) Ltd
dwar Mrs Josephine Bugeja nee
Schembri

Data: 24 ta' Frar, 1987

Chairman: Major S.J.A. Clews MBIM, MIPM
Membri: Mr Sydney Gatt
Mr Eddie Privitera

1. INTRODUZZJONI

(a) Il-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali rrefera lil dan it-Tribunal b'ittra tal-11 ta' Lulju, 1986 taht id-disposizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Att tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali fuq temm obbligatorju ta' tilwim tax-Xoghol u skond l-Artikolu 26 u 27 tal-istess Att tal-1976.

(b) It-Tribunal zamm hames seduti u Access fuq il-post tax-xoghol, il-fabrikka Bleimund (M) Ltd, San Gwann.

(c) Ghall-General Workers Union dehru is-Sur Arthur Micallef, Segretarju Taqsima Tessuti, Hwejjeg u Gild, u is-Sinjorina Josephine Sultana, Asst. Segretarja tat-Taqsima, filwaqt li ghall-Kumpanija Bleimund (M) Ltd, deher is-Sur Angelo Magro, General Manager tal-Kumpanija, assistit mis-Sur Alfred Fabri, Konsulent Industrijali.

2. TERMS OF REMIT

(a) It-Terms of Remit ipprezentati mill-General Workers Union huma:-

"Sabiex it-Tribunal, skond il-gurisdizzjoni tieghu jiddeciedi jekk il-membru ghandiex jinghatalha impieg fil-fabbrika Bleimund (M) Ltd, u jekk jezistiex xoghol addattat ghaliha kif

rakkommandat minn Mr John E.Casaletto MD., FRCS., Consultant Orthopaedic Surgeon, fl-Isptar San Luqa. biex b'hekk jigi pprovdut lilha impieg bl-istess kundizzjonijiet ta' xoghol u bla telfien ta' paga li kellha qabel, wara l-assenza taghha, mix-xoghol kagun ta' marda li fil-kaz taghha kienet htija tax-xoghol li kienet taghmel fil-fabbrika".

(b) Il-Counter Terms of Remit, kif ipprezentati mill-kumpanija Bleimund (M) Ltd huma:-

"Illi t-Tribunal Industrijali ghandu jaccetta li l-kumpanija Bleimund (M) Ltd agixxiet skond il-provvedimenti tal-Conditions of Employment (Regulation) Act 1952, fil-kaz ta' terminazzjoni ta' impieg ta' Josephine Schembri (Mrs Bugeja wara iz-zwieg)".

3. <u>STATEMENTS OF CASE</u>

(a) <u>Il-General Workers Union</u> issottomettiet illi t-tilwima nqaghlet meta l-membru giet milquta minn marda li kienet kawzata minn natura tax-xoghol li kienet qieghdha tahdem fuqu fil-fabbrika. Din il-marda - Tenosynovitis - ghal bidu ma kienitx giet accettata mill-kumpanija illi kienet kawzata mix-xoghol li kienet qieghdha tahdem fuqu.

Wara rapprezentazzjonijiet tat-Taqsima f'isem il-membru, l-Management finalment accetta li l-marda msemmija kienet attribwita ghax-xoghol li kienet qed tahdem fuqu. u wara konsultazzjonijiet ma' l-Insurance tal-Kumpanija u l-ispecjalista taghha, l-Kumpanija hallset il-pagi arretrati dovuti lill-membru f'Ottubru, 1985. Il-Union kienet insistiet mal-Management biex ma jitrattax dan il-kaz bhala wiehed ta' mard regulari, izda bhala marda industrijali, u ghalhekk il-membru kellha taqa' taht il-provvedimenti tac-C.E.R.A. u tkun ntitolata ghal tnax-il xahar paga shiha. L-Industrial Injuries Board permezz ta' ittra lill-Kumpanija fit-12 ta' Gunju, 1985 kien iddikjara lill-membru:

(i) li ma kienetx tajba ghax-xoghol mill-25 ta' Majju, 1985;

(ii) li kienet ghad mhux tajba ghax-xoghol mid-data ta' l-ahhar ezami mediku, u li kellha terga' tidher quddiem l-Industrial Injuries Board fid-9 ta' Lulju, 1985.

.../3

Il-membru kienet baqghet tinsab mill-Industrial Injuries Board li ma kienetx tajba ghax-xoghol sad-9 ta' Mejju, 1986 meta giet iddikjarata li tista' tmur ghax-xoghol skond ic-certifikazzjoni ta' Mr John E.Casaletto MD., Konsulent Ortopediku fl-Isptar San Luqa kif ikkonfermata mill-istess Industrial Injuries Board.

Permezz ta' ittra datata 13 ta' Mejju, 1986 il-membru applikat biex tidhol ghax-xoghol skond il-provedimenti tac-C.E.R.A. izda l-Management insista li ma kellux xoghol x'jaghtiha kif irrakkomanda fl-ispecjalista u fl-istess waqt itterminalha l-impieg b'effett mit-28 ta' Mejju, 1986 bla ma hallasha tal-perijodu tat-terminazzjoni ghall-impieg skond il-provedimenti tal-ligi. Minkejja l-isforzi kollha li saru mit-Taqsima biex il-Management isibilha xoghol addattat skond paragrafu 25 (11) b tac-C.E.R.A. dan baqa' jinsisti li fil-fabbrika kollha ma kien hemm ebda xoghol li jista' jaghtiha. It-Taqsima kienet u ghadha tal-fehma illi l-Management seta' sabilha xoghol li kienet tista' taghmlu, izda b'danakollu, l-membru ghadha bla xoghol. Barra minn dan, la qieghdha tiehu beneficcju ghal disimpjieg u naturalment l-anqas il-beneficcju tal-mard ghax illum tinsab dikjarata mill-awtoritajiet tas-sahha li hija tajba ghax-xoghol. Bl-iskop li jinstab ftehim tal-kwistjoni, it-Taqsima talbet laqgha ta' konciljazzjoni li saret fl-10 ta' Gunju,1986 li kienet ippreseduta mid-Direttur tax-Xoghol. Fil-waqt li z-zewg nahat baqghu jzommu l-pozizzjoni originali taghhom proposta tas-Sur L. Cilia Debono giet accettata miz-zewg partijiet. Din il-proposta kienet sabiex ufficjal mid-Dipartiment izur il-fabbrika bl-iskop li jwassal il-Management jipprovdi l-impjieg lill-membru fuq xoghol addattat, izda dan tal-ahhar tefa' l-htija fuq Mr Casaletto illi minhabba r-restrizzjonijiet specifikati li ghamillu ma setghax jipprovdi mpjieg lill-membru taghna.

It-Taqsima ma tistax tifhem kif is-Sur H. Sladden tas-Safety Unit fid-Dipartiment tax-Xoghol wasal ghal konkluzzjoni biex jikkonferma illi l-Management ma kienx kapaci jipprovdi mpjieg alternattiv adattat ghal membru. L-anqas ma nafu jekk dan l-ufficjal ezaminax il-pozizzjonijiet kollha jew inkella wasalx biex jikkonferma l-pozizzjoni li hadet il-Kumpanija fuq dak li qallu l-General Manager, jigifieri illi l-pozizzjonijiet tax-xoghol kollha ma kienux addatati ghaliha

.../4

minhabba r-restrizzjonijiet li ghamillu Dr Casaletto. It-Taqsima hija tal-fehma li fil-Fabbrika jezistu pozizzjonijiet ta' xoghol li ma jkunux ta' hsara ghal sahhet il-membru kif rakkommandat mill-ispecjalista. Meta l-General Manager naqas li jipprovdi mpjieg lill-membru b'hekk huwa qieghed imur kontra l-provediment tal-paragragu 25 (XI) (b) tac-C.E.R.A. li jgidu: "Illi matul 21 gurnata mill-applikazzjoni tal-impjegat, min ihaddem ghandu jdahhal lura fl-impieg lill-impjegat fl-impieg li kellu qabel jew jekk il-korriment jew marda tkun ikkagunat inkapacita, li twassal lill-impjegat mhux tajjeb ghax-xoghol li kellu qabel, f'xoghol konvenienti ghalih". Il-Union ma tistax taccetta l-versjoni tal-kumpanija fejn intqal illi wara li studjat ic-certifikat ta' Dr Casaletto iddikjarat bil-miktub "li ma ghandniex xoghol addattat ghalik". Dan ghaliex il-Management jaf tajjeb illi l-Membru setghet tahdem fuq lis-stand machine, kif fil-fatt kienet hadmet bl-istruzzjonijiet ta' Miss D. Bonaci O.T. u Dr Magro MD. Barra minn dan, il-Union hija wkoll tal-fehma illi xoghol bhal checking, u preparation, seta' jigi moghti lilha u fl-istess waqt kienet tkun tista' tigi mharrga mill-Occupational Therapist biex taghmel ix-xoghol li kellha qabel kif stqarr Dr Casaletto li kieku dan sar ma kienetx tintilef impjegata mharrga fis-sengha u li kienet imfahhra mill-Management ghall-efficjenza u produzzjoni gholja li kienet taghmel qabel ma l-produzzjoni fix-xoghol li kienet qieghdha taghmel ikkagunala marda ndustrijali li kienet ikkonfermata mhux biss mill-Awtoritajiet f'St Luke's Hospital izda wkoll mill-istess specjalista tal-Insurance tal-Kumpanija, wara li l-membru giet ezaminata minnu. Ghal ragunijiet imsemmija f'din l-istqarrija tal-kaz it-Taqsima bir-rispett titlob lit-Tribunal sabiex jikkonsidra it-telfien tal-qliegh li l-membru kellha ssofri, billi jilqa' t-talba li qieghdha issir mill-Union skond it-Terms of Remit taghha.

(b) Il-Kumpanija Bleimund (M) Ltd issottometiet illi Josephine Bugeja (nee Schembri) bdiet tahdem fil-fabbrika Bleimund (M) Ltd bhala machine operator fit-13 ta' Mejju 1981 fl-eta ta' 17-il sena; illi Bleimund (M) Ltd hija kumpanija sussidjarja ta' Kumpanija ohra Germaniza u l-ghan taghha huwa li tissuplixxi il-prodotti (ggieget) manifatturati bl-aktar mezz kompetitiv fis-swieq Ewropej. Ghalhekk biex tkun tista' topera fabbrika li tista' tilhaqq livell ta' efficjenza

Germaniza hemm htiega kbira ta' flessibilita'. Minghajr flessibilita' bejn l-operators, fabbrika tal-hwejjeg ma tista' qatt tkun efficjenti u ghalhekk ma jibqalix hajja. Fil-Bleimund (M) Ltd hemm madwar 90-operator - pero' dawn jahdmu fuq aktar minn 180 'operation'. Dawn l-'operations' kollha huma mehtiega minhabba li kontinwament isir tibdil fuq l-istil tal-prodott, flimkien ma tibdil fit-tip ta' drapp. Dan isir kontinwament u hija parti mill-hajja ta' kuljum ta' fabbrika zghira izda efficjenti. Ghal din ir-raguni meta tidhol tahdem persuna mal-Bleimund, tidhol bhala 'machine operator' sabiex tkun tista' tigi imharrga fuq aktar minn 'operation' wahda. Meta Mrs Bugeja fil-bidu tal-1985 infurmat lill-Manager bil-problema li kellha, il-Manager taghha ma hallihiex taghmel ix-xoghol kollu li kienet taghmel u ghaldaqstant ma kellhiex gurnata shiha ta' xoghol. Dan bil-ghan li tigi mharsa is-sahha tal-impjegata. Minkejja dan kollu Mrs Bugeja baqghet tilmenta, u fit-23 ta' Mejju, 1985 fuq struzzjonijiet tal-Industrial Injuries Board kienet bdiet 'paid injury leave'. Regghet irrapportat ghax-xoghol f'Settembru fuq parir ta' Miss Bonaci 'Occupational Therapy Officer' li kienet tiehu hsieb Mrs Bugeja, bhala mfejqa imma ma rieditx tahdem kif kien mitlub minnha. Ghalhekk regghet marret fuq 'paid injury leave'.

Sabiex il-Kumpanija tkun tassew certa li ma kienitx qieghdha tohloq inkonvenjent il-General Manager stieden lil Miss Bonaci sabiex tezamina it-tip ta' xoghol li kienet qieghdha taghmel fil-fabbrika. Miss Bonaci fir-rapport taghha ghamlet suggerimenti u sar qbil fuq it-tip ta' xoghol li setghat taghmel Mrs Bugeja. Dan kien kollu ghalxejn u Mrs Bugeja regghet kompliet fuq il-'paid injury leave'. Ftit qabel ma skorriet is-sena minn mindu bdiet tircievi l-'injury pay' Josephine Bugeja b'ittra datata 13 ta' Mejju, 1986, applikat, fi kliemha, "skond it-termini tal-Conditions of Employment Regulations Act", li tidhol lura ghax-xoghol - wara li naturalment hadet l-entitlement kollu ta' sena paga skond l-istess ligi - u li terga tigi mpjegata "...fuq bazi ta' kif jghid ic-certifikat li ghandek issib mehmuz ma din l-ittra". Dan ic-certifikat datat 9 ta' Mejju, 1986 huwa miktub minn Dr Casaletto. Dan ic-certifikat jaghmel certi restrizzjonijiet, li huma:-

M'ghandhix taghmel 'ironing and pressing'

m'ghandhix tuza mqass

m'ghandhix terfa' pizijiet tqal

ghandha toqghod attenta kif iccaqlaq il-polz u subghajha l-kbir u

ghandha tevita xi strapazz li jista' jaggravalha il-kundizzjoni taghha.

Skond certifikat li ghamel l-istess Dr Casaletto fit-3 ta' Lulju, 1985 hu kien irrakomanda li din ma tidholx lura ghax-xoghol jekk ma tkunx kompletament imfejqa. Wara li baqghet tircievi l-paga shiha ghal sena il-Kumpanija itterminat l-impieg ta' Mrs Bugeja b'effett mit-28 ta' Mejju 1986 peress illi minhabba r-restrizzjonijiet li indika Dr Casaletto la kienet kapaci taghmel ix-xoghol li kienet taghmel qabel u l-anqas ma kien hemm xoghol iehor addatat ghaliha fil-fabbrika. Wara li saret laqgha ta' konciljazzjoni presseduta mis-Sur Lino Cilia Debono, Direttur tax-Xoghol, intlahaq qbil bejn il-Kumpanija u l-General Workers' Union sabiex id-Direttur tax-Xoghol iqabbad lill-ufficjal inkarigat mis-'Safety Unit' tad-Dipartiment tax-Xoghol biex jaghmel verifika indipendenti fuq il-post tax-xoghol, u biex jaccerta jekk skond il-provvedimenti tal-ligi hemmx xoghol addatat ghal Mrs Bugeja mal-Bleimund (M) Ltd. Il-qbil kien jimplika li z-zewg partijiet kellhom joqghodu ghad-decizjoni tal-Labour Office. Id-Direttur tax-Xoghol informa b'ittra tal-11 ta' Gunju 1986 lill-Kumpanija u lill-Union li s-Sur Sladden zar il-fabbrika kif kien miftiehem u ikkonferma li l-employer ma setghax joffri xoghol addatat bir-restrizzjonijiet imsemmija mill-konsulent ta' Mrs Bugeja, Dr Casaletto. Ghal din ir-raguni d-Dipartiment tax-Xoghol ma ipprocediex kontra il-Kumpanija.

Ghalhekk fuq bazi ta' dan kollu il-Kumpanija qieghdha titlob sabiex dan it-Tribunal jilqa' it-Terms of Remit tal-Kumpanija li jghidu li "....il-Kumpanija Bleimund (M) Ltd agixxiet skond il-provvedimenti tal-Conditions of Employment (Regulation) Act 1952 fil-kaz ta' Josephine Bugeja".

4. ACCESS

Fit- 18 ta' Novembru 1986 inzamm Access fil-fabbrika Bleimund (M)

Limited, Industrial Estate, San Gwann u prezenti kienu ic-Chairman u Membri tat-Tribunal flimkien maz-zewg partijiet. Is-Sur Angelo Magro, General Manager, dawwar lil dawn il-persuni madwar il-fabbrika u spjega d-diversi postijiet tax-xoghol u kif wiehed jahdem fuqhom. Huwa wera l-laying, il-cutting, is-sorting, is-stiching ic-checking, etc., u spjega kif huwa kien ikkunsidra jekk Mrs Bugeja setghetx taghmel xi wiehed minn dawn ix-xogholijiet. Ic-Chairman u l-Membri ghamlu diversi domandi lis-Sur Magro u anke lill-Mrs Bugeja. Is-Sur Magro wera lista ta' xogholijiet li jsiru fil-fabbrika, ie. Layer, Cutter, Machine Operator, Quality Controller, Supervisor, Mechanic, Handyman, Cleaner, Shipping Clerk, Secretary.

5. XHIEDA

(i) Mr John E,Casaletto MD., FRCS - Consultant Orthopaedic Surgeon, St Lukes Hospital

(ii) Mrs D. Bonello (nee' Bonaci)- Occupational Therapist, St Lukes Hospital

(iii) Mr H. Sladden, Safety Inspector - tas-Safety Unit, Dipartiment ta' Xoghol u Servizzi Socjali

(iv) Mrs Josephine Bugeja (nee' Schembri) -

(v) Mr R. Attard - Chairman, Industrial Injuries Board

(vi) Mr Angelo Magro - General Manager, Bleimund (M) Ltd

6. DOKUMENTI

(a) Barra mis-Statements of Case u appendici annessi maghhom, gew ipprezentati diversi dokumenti,inkluzi

(i) skeda ta' mard jew korriment fuq ix-xoghol;

(ii) decizjoni (fuq Mrs Bugeja) tal-Industrial Injuries Board datat 23 ta' Lulju 1986

(iii)parti tal-Att XXXI tal-1973 tal-N.I.

(iv) kopja tal-N.I. 30 ta' Mrs Bugeja datat 7 ta' Gunju, 1985

(v) lista ta' "Job Grades" tal-fabbrika Bleimund (M) Ltd

(b) Fuq talba tat-Tribunal il-Kumpanija Bleimund (M) Ltd kitbet ittra (datata 20 ta' Jannar, 1987, li tikkonferma illi l-Kumpanija ma ghandha l-ebda impjegat/a fuq il-kotba taghha rregistrat

taht id-"Disabled Persons Employment Act".

7. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

Fis-Sottomissjonijiet Finali, iz-zewg partijiet fethu aktar fuq dak li ppresentaw fli-Statements of Case, fuq ix-Xhieda li nstemghu, fuq l-Access u fuq id-dokumenti.

(a) Il-General Workers Union issottometiet li mix-xhieda li nstemghu waqt il-process ta' dan il-kaz, jirrizulta illi l-membru taghom dahlet tahdem fil-fabbrika mimlija sahha u energija u kellha tieqaf mix-xoghol kagun ta' marda illi giet fuqha minhabba n-natura tax-xoghol li kienet qieghdha taghmel. Huwa fatt innegabbli illi l-membru kienet b'sahhitha meta bdiet tahdem ghall-ewwel darba fil-fabbrika tant illi kif gie ammess mill-istess General Manager kellha produzzjoni u efficjenza hekk tajba li ma thalli ebda dubbju dwar il-qaghda fizika taghha ghaliex qabel ma ntlaqtet bil-marda tat-Tenosynovitis kienet ilha 3 snin b'efficjenza bejn 120-140%. Din il-marda bdiet tinhass ftit ghall-ewwel u wara zviluppat b'mod illi l-membru kellha tirtira mix-xoghol taht l-istruzzjonijiet tal-ispecjalista f'St Luke's sakemm dan iccertifika lill-membru li tista' tirritorna ghax-xoghol, izda kellha tiskansa xoghol ta' moghdija, pressa, mqass u rfiegh ta' piz tqil. L-aktar pozizzjoni tax-xoghol fil-fabbrika li kienetx ta' hsara ghall-membru, kienet bla ebda dubbju dik fuq l-istand machine. Bi ftit ghajnuna, mhux ta' spiss, u f'kazi meta kultant kien jinhtigilha terfa' jew li tuza l-imqass, kif irrakkomandat l-Occupational Therapist, il-membru ma kienx ikollha tfixkil fil-qadi ta' dmirijietha fuq din l-istand machine, ghaliex subghajha, fejn kellha l-problema "ma kelliex ghalfejn tuzah". Izda minflok li l-Management ikkopera mal-membru, kif kien obbligat jaghmel, "aktar seta' fixkel il-kundizzjoni taghha" skond Mrs Bonello meta ma baqax miexi fuq l-istruzzjonijiet li hi kienet taghtu, billi ma baqax jaghtiha l-ghajnuna mehtiega tant li l-membru kellha terga' tirtira mix-xoghol. Mhux talli l-Management naqas mill-obligu tieghu lejn tfajla, li wara kollox kienet mardet tort tieghu, kagun tax-xoghol li huwa kien poggiha fuqu, izda wkoll rifed li jelimina kull possibilita li l-membru xi darba terga' tiehu postha fil-fabbrika billi nehha ghal kollox l-uzu tal-istand machine,"li kienet l-uniku makna li kienet available".

Il-membru dahlet tahdem fil-fabbrika Bleimund (M) Ltd meta kellha 17-il sena u nhakmet mill-marda tat-Tenosynovitis wara tlett snin li kienet ilha tahdem fuq xoghol ta' pressa. Dan kien il-kwalita ta' xoghol li filwaqt illi l-Management kien aktar minn sodisfatt bil-produzzjoni u efficjenza gholja tal-membru li kellha ghal perjodu sostanzjalment twil, kien l-istess xoghol illi gharraq sahhitha minhabba l-movimenti mghaggla u ripetittivi tas-seba' l-kbir u tal-id. Ahna ninsabu konvinti illi kieku l-Management verament ried li jghin lil din it-tfajla seta' bi ftit rijorganizazzjoni fil-linji tal-produzzjoni johloq pozizzjoni fuq ix-xoghol li fih ma jintuzax l-imqass filwaqt li l-produzzjoni tibqa' miexja. Sintendi minghajr il-koperazzjoni tal-Management dan ma setghax isir. Mhux talli l-Management ma ghamel ebda attentat biex jirrijorganizza l-linji tal-produzzjoni f'dan ir-rigward, kif fi drabi ohra ghamel, biex jiehu aktar produzzjoni, talli temm l-impieg tal-membru bla ma qies il-konsegwenzi finanzjarji li kien se jixhetha fihom, tant li l-anqas biss ma hallasha l-flus dovuti lilha flok il-perijodu tan-notice skond ic-CERA. U dan taht l-iskuza li ma kellu ebda pozizzjoni ta' xoghol ghaliha. Ahna ghandna ghalfejn nahsbu illi l-impjieg gie terminat mhux ghax ma kienx hemm xoghol li setghet taghmlu, izda ghax il-Management ried jiehu din l-opportunita biex jehles minnha forsi ghax kienet indixxiplinata jew ghax titkellem ma shabha waqt il-hin tax-xoghol kif tana x'nifhmu s-Sur Magro waqt ix-xhieda tieghu. Jekk dan huwa hekk, allura tkun saret ingustizzja kbira mal-membru ghax l-impieg kien messu gie terminat skond il-procedura tad-dixxiplina, qabel il-vaganzi tal-Milied tas-sena 1984 bil-possibilita li l-marda tat-Tenosynovitis kienet tigi skansata. Ghal dawn ir-ragunijiet it-Taqsima kienet tistenna li l-Management ma jitterminax l-impieg tal-membru anke jekk stess ma kellux pozizzjoni ta' xoghol fil-prezent ghaliha ghax wara kollox imkien ma ntqal waqt it-Tribunal illi qatt ma seta' jkun hemm xi xoghol li tista' taghmel ghall-futur. Il-membru setghat baqghet fuq il-kotba tal-Kumpanija minghajr paga, bhalma ghamlu Managements ohra. B'hekk il-membru kull sena almenu kienet tigi intitolata ghas-sick leave u l-bonus tal-Gvern li jammontaw ghal:-

Sick Leave 12 il-gurnata b'paga shiha LM71.00; 12 il-gurnata b'nofs paga LM35.85; Bonus tal-Gvern LM116.00: Totali: LM222.85.

L-average numru ta' snin tax-xoghol tat-tfajliet fl-industrija tat-Tessuti zgur li mhux minn 18-il sena sa 20 sena meta twaqqfet mix-xoghol il-membru. Li kieku l-ammont tas-snin li tfajliet normalment jaghmlu fuq ix-xoghol gie kkunsidrat mill-Management u hallasha l-ammonti msemmija kieku zgur li kienet tittaffa sostanzjalment it-tbatija finanzjarja tal-membru. Dan gie li sar minn managements ohra meta veramment hassew ghall-haddiema taghhom f'kazi ta' mard fit-tul, li ghalkemm ma kienu jircievu ebda paga, almenu kienu jikkwalifikaw u jithallsu l-beneficcji msemmija, filwaqt li baqghu fuq il-kotba tal-Kumpanija. Fil-kaz li dan it-Tribunal ghandu quddiemu ma sarx hekk. Il-Union qalet li jinsabu konvinti li t-Tribunal sejjer jikkonsidra dawn il-konsiderazzjonijiet kollha migjuba mit-Taqsima li, mill-bidunett ta' dan il-kaz hasset illi l-Management tal-Bleimund (M) Ltd kellu obbligu legali daqskemm kien morali li ma jitterminax l-impieg ta' haddiema wara li taghtu sahhitha. Huwa ghal dawn ir-ragunijiet li l-Union tinsisti illi l-impieg ghandu jitqies li ma giex terminat. Ghalhekk il-membru bi dritt ghandha tithallas tad-danni kollha skond kif jidhirlu li hu xieraq u sewwa dan it-Tribunal.

b. <u>Il-Kumpanija Bleimund (M) Ltd</u>, issottometiet li dan il-kaz quddiem it-Tribunal huwa kaz stramb. L-Union fit-talba taghha mhiex tghid li Mrs Bugeja spiccat mix-xoghol ghal raguni hazina imma qieghdha titlob lit-Tribunal isib impieg lilha fil-fabbrika Bleimund. Minhabba wkoll ghal ragunijiet li nidhlu fihom aktar il-quddiem, il-Union qieghdha titlob lit-Tribunal sabiex dan johloq' job ghal briedma partikolari. Dan huwa attegjament stramb ukoll minn-naha tal-Union ghaliex qieghdha titlob lit-Tribunal jidhol f'qasam li huwa minn natura tieghu responsabbilita tal-Management ta' fabbrika. Minkejja dan il-Kumpanija hija konvinta li ghandha raguni fuq il-merti tal-kaz. Bleimund (Malta) Limited hija fabbrika ibbazata fuq l-oghla standards ta' l-industrija tal-hwejjeg Germaniza: il-mod li bih huwa organnizat ix-xoghol, fejn kulhadd jigi ittrenjat ghal dak li hu l-aktar kapaci, fejn kulhadd jaf x'ghandu jaghmel tul it-tmien sieghat li jkun fil-fabbrika u dan kollu f'atmosfera ta' serjeta' kbira. Naturalment biex dan il-livell ta' organizzazzjoni jitkompla kull min ghandu post fl-organizzazzjoni ghandu jkollu xoghol produttiv ghal gurnata shiha.

Meta tfacca dan il-kaz ta' Tenosynovitis kien l-ewwel wiehed fl-esperjenza tal-Kumpanija. Bhala gest ta' rieda tajba meta Mrs Bugeja avvicinat lill-Manager is-sur Magro, dan 'holqilha' tista' tghid, job ghaliha fejn setghet tahdem bl-anqas strapazz, fejn kellha l-ghajnuna ta' haddiehor, u fejn ma kienx hemm ix-xoghol normali ta' tmien sieghat izda ta' ftit sieghat kuljum biss. Naturalment il-Kumpanija qieset dan il-pass - ghall-bidu tal-1985 - bhala pass temporanju sakemm il-kundizzjoni li kellha Mrs Bugeja tammeljora u setghet tkompli tahdem fuq xoghol produttiv. Ghalkemm deher, skond ic-certifikat ta' Dr Casaletto ta' 3 ta' Lulju, 1985 li "... the lesion is slowly subsiding" xorta wahda l-konsulent mediku taghha Dr Casaletto ma rrakommandax li tidhol lura ghax-xoghol. Skond il-kliem ta' l-istess certifikat "It is not recommended that she returns to work until she is fully healed". Il-Manager tal-Kumpanija fil-frattemp ghamel dak kollu li kien mehtieg biex isegwi l-kaz ta' Mrs Bugeja. Tant hu hekk li ghal tal-inqas darbtejn kellem lil Dr Casaletto fuq il-kaz. Skond ix-xhieda tas-Sur Magro Dr Casaletto wera id-dubbji tieghu kemm kien tassew Tenosynovitis dak li kienet qieghdha tilmenta bih Mrs Bugeja. Il-Kumpanija giet avzata li l-Industrial Injuries Board kien accetta il-claim mid-29 ta' Mejju, 1985 li Mrs Bugeja kellha wahda mill-occupational diseases. Il-mod li tfh sar dan il-claim iqajjem ukoll certi dubbji. L-ewwelnett jidher li l-Board accetta lil-claim li saret minn Josephine Bugeja (nee' Schembri) fis-7 ta' Gunju, 1985, giet iffirmata minn surgent tal-pulizija fl-istess gurnata u l-beneficcju beda jghodd minn disat ijiem qabel, id-29 ta' Mejju, 1985. Il-claim tghid ukoll li d-data tad-'disgrazzja' kienet is-27 ta' Novembru, 1984. Fix-xhieda taghha hija kienet kategorika li kienet f'gurnata specifika differenti, fit-3 ta' Jannar, 1985. Dr Casaletto fix-xhieda tieghu ghamel diversi punti ohra sinifikanti. Illi minkejja dak li qalet l-Union fl-istatement of case taghha huwa iddikjara li kien ra lil Mrs Bugeja privatament; illi ma setax jeskludi li l-origini tat-Tenosynovitis setghet kienet raguni ohra barra l-origini industrijali , kif fil-fatt qal lis-sur Magro; illi minkejja li ammetta li jezistu minn ta' l-inqas zewg tipi ta' 'minor surgery' biex tfejjaq it-Tenosynovitis, Dr Casaletto ma irrakomandax dan it-tipi ta' trattament; illi minkejja li fic-certifikat tad-9 ta' Mejju, 1986 qal "can start work ..."

u kompla jaghmel hafna restrizzjonijiet fuq x'tista' taghmel, fix-xhieda tieghu iddikjara li hi "... ma feqitx. Jew jekk fieqet hija soggetta ghar-rekurrenza kwazi immedjata"; illi stqarr li ma jistax jaghti garanzija li Mrs Bugeja ma terġax tirkadi jekk tidhol lura ghax-xoghol. Dan il-prolungament tal-kaz ta' Mrs Bugeja kompla wkoll anke f'dak li jirrigwarda l-occupational therapy biex tigi lura ghan-normal. Mix-xhieda ta' Dr Casaletto ix-xoghol li kienet qieghda taghmel fil-fabbrika kellu jitqies bhal forma ta' reabilitazzjoni mentri l-occupational therapist li fil-fatt kienet qieghda issegwi it-trattament ta' Mrs Bugeja qalet fix-xhieda taghha li ix-xoghol li kienet qieghda taghmel ma kienx jghin bhala terapija. L-occupational therapist kienet mitluba izzur il-post tax-xoghol mill-Manager is-sur Magro biex jizgura li x-xoghol li kienet qieghda taghmel ma kienx ta' dannu ghaliha. Fil-fatt wara z-zjara taghha fuq it-talba tas-sur Magro, Mrs Bonello qablet li x-xoghol li kienet imqabbda taghmel Mrs Bugeja ma kienx hazin ghaliha. Pero' meta Mrs Bugeja regghet lura ghax-xoghol fuq l-operation li kienet ezaminat Mrs Bonello, hi xorta wahda baqghet tilmenta, u apparti li ma kienetx terfa' u tuza' l-imqass, kienet qieghda taghmel xogholha hazin, kienet tqabbad tfajliet ohra biex jghinuha fuq il-magna taghha, b'periklu gravi ghas-safety taghhom u minhabba li ma kienx ikollha x'taghmel il-bicca l-kbira tal-gurnata, kienet tfixkel lil haddiehor. Minkejja li l-Manager wissija u anke avza lir-rapprezentanta tal-General Workers' Union, Mrs Bugeja baqghet ma turiex ko-operazzjoni. In vista ta' dan kollu u meta wiehed jezamina il-provvedimenti tal-ligi - specjalment il-Conditions of Employment (Regulation) Act, 1952, Section 25 Subsection 11 (b) ma kienx hemm triq ohra miftuha ghall-Kumpanija.

Seta' deher li skond it-termini tal-Ligi kien hemm "cessation of incapacity", u jekk ghall-grazzja ta' l-argument kellna naccettaw li kien "cessation of incapacity", fejn setghet il-Kumpanija issibilha "suitable employment?" "Suitable employment" timplika zewg kundizzjon-ijiet (skond il-Kumpanija);

(i) Li l-employment ikun reali u mhux fittizju - xoghol produttiv ta' tmien sieghat, u

(ii) Li l-employment ma jgharraqx is-sahha ta' l-impjegata.

Il-Kumpanija hasset li ma kelliex "suitable employment" x'toffri wara li l-impjegata hadet tnax-il xahar injury leave. Il-pozizzjoni tal-Kumpanija qabel maghha is-Sur Sladden tas-Safety Section tad-Dipartiment tax-Xoghol. Il-Union semmew tlett operations li setghet taghmel Mrs Bugeja. Dawn kienu xoghol fuq l-istand machine - li m'ghadux jezisti; xoghol ta' quality checking - li jehtieg livell ta' City and Guilds; u finalment xoghol ta' preparation - li jinvolvi irfigh, uzu ta' mqass u uzu tas-sebgha l-kbir; Mrs Bugeja lanqas kienet taf ezzattament xi trid taghmel, dejjem tirreferi ghal dawk li "issugerewli".

Meta tqis dan kollu, specjalment ic-certifikati medici - difficli tikkonceppixxi post fejn tista' tahdem Mrs Bugeja. Ic-certifikati mahruga lil Mrs Bugeja jeskludu kwazi kull tip ta' job - u dan l-aktar fid-dawl tal-fatt li l-kundizzjoni medika ta' Mrs Bugeja ma wriet l-ebda titjib matul il-perijodu twil mindu beda l-kaz sal-lum. Anzi, illum wiehed huwa iffaccjat minn sitwazzjoni li teskludi kull tip ta' xoghol produttiv li jinhtieg l-uzu tal-id. Wiehed bil-fors irid jorbot dan kollu ma' l-obbligu kardinali li ghandu kull employer li jimpjega nies li huma addattati jew kapaci ghax-xoghol li ghalih iqabbadhom. Il-ligi qieghda hawnhekk timponi bl-izjed mod car obbligu fuq kull min ihaddem li jaghzel nies li huma addattati ghax-xoghol li ser iqabbadhom. Fil-kaz prezenti il-Kumpanija ghandha quddiemha persuna li skond ic-certifikati medici li nhargu ma tista' taghmel l-ebda xoghol tal-id. Dan fil-fatt ifisser li l-Kumpanija ma tista' ttiha l-ebda xoghol produttiv u wkoll lanqas tista' ttiha xi forma ta' xoghol iehor, minhabba ir-restrizzjonijiet mill-istess certifikati tal-ispecjalista. Il-Kumpanija ghamlet dak kollu mitlub minnha mill-ligi. Anzi fil-fatt, mill-lat uman, il-Management mar aktar il-boghod u safejn seta' pprova jilqa' x-xewqat ta' Mrs Bugeja. Izda wiehed ghandu jzomm quddiem ghajnejh li hemm limitu safejn tista' tasal u anke l-istess ligi tipprovdi li ghal kaz ta' korriment fuq ix-xoghol ghandu limitu ta' sena u mhux indefinit. Ghaldaqstant jidher car li l-Kumpanija agixxiet skrupolosament skond il-provedimenti kollha tal-ligi u qed titlob lit-Tribunal jiddeciedi favur il-Kumpanija.

.../14

8. KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

(i) L-aktar fattur importanti li t-Tribunal kellu jikkonsidra kienet il-ligi innifisha - Sez. 25 sub. para. 11 tal-Att Nru XI tal-1952 li jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impiegi li jghid:-

a) "Kuntratt ta' servizz m'ghandux, hlief bil-kunsens tal-impjegat, jintemm mill-Principal matul xi perijodu tal-inkapacita ghax-xoghol tal-impjegat kagunata b'korriment b'disgrazzja li tigri mill-impieg u waqt l-impieg jew minn xi mard li jigi mix-xoghol li ghalihom hemm kumpens bis-sahha tal-Ordinanza dwar il-hlas ta' Indenniz lill-Haddiem (Kapitolu,128) - Workmen's Compensation Ordinance (Chapter 128) - jew taht xi ligi li tidhol minflok l-imsemmija Ordinanza meta dan jigri fis-servizz ta' dak il-principal .... "

b) "Meta tispicca l-inkapacita ghax-xoghol imsemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu l-principal ghandu, fiz-zmien wiehed u ghoxrin jum minn talba maghmula mill-impjegat, jerga' jdahhal l-impjegat fl-impieg tieghu ta' qabel jew, jekk il-korriment jew marda ikunu gabu inkapacita li minhabba fiha l-impjegat ma jkunx tajjeb ghall-impieg ta' qabel f'impieg iehor xieraq (other suitable employment)

(ii) Hija l-fehma tat-Tribunal li l-ligi hija specifika rigward id-dhul lura ghax-xoghol, irrispetivament jekk hemmx post tax-xoghol fil-fabbrika, u anke sal-punt li tali xoghol adattat ikun ikkreat. Ghandu jinghad li qabel ma saret l-emenda tal-ligi Att XL III tal-1975, il-ligi kienet tipprovdi biss ghad-dhul lura ghax-xoghol "f'xoghol iehor adattat skond ma jkun mehtieg (as may be available)."

(iii) Il-ligi kif inhi illum taghmilha cara li l-korriment jew marda ghandha tkun "gejja minn u waqt ix-xoghol ....". Mhabba li l-Kumpanija Bleimund (M) Ltd kienet hallset lil Mrs Bugeja tal-Injury Leave skond il-ligi u biss ikkontestaw jekk il-marda gietx ikkawzata waqt u mill-impieg wara li l-kaz gie quddiem it-Tribunal, u wara li studja ic-certifikati kollha li gew

ipprezentati, it-Tribunal accetta l-fatt li l-marda ta' Mrs Bugeja - Tenosynovitis - giet ikkawzata waqt u mill-impieg taghha ma Bleimund (M) Ltd.

(iv) Skond l-iskeda "Mard jew Korriment tax-xoghol" il-marda Tenosynovitis hija deskritta bhala "Infjammazzjoni trawmattika tat-tendini ta' l-id jew tad-driegh, jew tax-sheaths tad-tendini assocjati", ikkawzat minn "xoghol manwali, jew movimenti spissi jew ripetuti ta' l-id jew tal-polz". Bhala rizultat ta' din il-marda, Mrs Bugeja irceviet is-somma ta' Lm576 ghal disabilita' parzjali permanenti ta' 12%.

(v) Madankollu, it-Tribunal ihoss li ghandu d-dover li jigbed l-attenzjoni ghal certu nuqqasijiet fis-sistema li fiha impjegat jigi accettat li qieghed isofri minn korriment jew marda "li gejja minn u waqt ix-xoghol". F'dan il-kaz l-impjegata qalet waqt li kienet tixhed li originarjament, kienet hasset l-ugigh fil-polz ta' idejha f'Novembru, 1984, izda ma mlietx il-formola N I 30 (Tal-korriment jew mard) qabel is-7 ta' Gunju, 1985. Ukoll, fir-rapport mediku ta' l-ispecjalista, datat 3 ta' Lulju, 1985, kien hemm:- "Josephine Schembri (li wara saret Mrs Bugeja) kienet qieghda tbati minn ugigh u disabilita' fil-polz tal-lemin ....... ovvjament kawzat, fil-kaz taghha min-natura tax-xoghol taghha ....". Meta c-Chairman saqsa lill-ispecjalista kif wasal ghall-konkluzzjoni li l-marda kienet "ovvjament kawzata fil-kaz taghha min-natura tax-xoghol taghha", l-ispecjalista irrisponda:- "Qaghadt fuq li qaltli hi. Ahna we take them on trust il-pazjenti".

(VI) Hekk ukoll, meta pazjent jersaq quddiem il-Bord Industrijali tal-Korrimenti, il-principal ma jigix mghajjat biex ikun prezenti jew biex jaghti l-opinjoni tieghu tal-kawza tal-korriment jew mard u l-anqas jigi infurmat ufficjalment ta' x'gara waqt is-seduta jew x'rizultat kien hemm, hlief mill-impjegat involut.

(VII) B'riferenza ghall-attentati tal-Kumpanija biex jinstab xoghol alternattiv ghal Mrs Bugeja, it-Tribunal m'ghandux dubbju li dan sar. Izda, meta eventwalment kienet mghotija xoghol alternattiv,

.../16

hi ma kienetx kapaci tahdem anqas f' dan ix-xoghol alternattiv u rega' kellha tiehu l-injury leave ghal darba ohra.

(viii) Ghalkemm huwa d-dover tal-principal li f'kazi bhal dan jipprovdi xoghol iehor addatat ikun neccessarju li l-impjegat <u>ikun kapaci</u> li jaghmel xi tip ta' xoghol. L-ebda kumpanija m'hi mistennija li zzomm fl-impieg impjegat li m'hu kapaci jaghmel xejn.

(ix) F'dan il-kaz quddiem it-Tribunal, Mrs Bugeja fix-xhieda taghha, b'risposta ghal domanda li ghamillha r-rappresentat tal-Kumpanija, qalet:- "Nuzahom idi biss ghal certu affarijiet biss. Jiena per ezempju illum mara mizzewga u certu affarijiet naghmilhom, bhal hasil ta' hwejjeg u hekk. Biss jien certu ghorik jew ghasir ma nistax naghmlu. Irrid immur ghand il-mummy. Jiena noqghod next door maghha ... u ghandi hafna ghajnuna minnha ghaliex ma nistax naghmel certu affarijiet. Anke per ezempju nqaxxar xi patata, jew xi tadam, jew xi haga hekk, ma nistax b'idejja .... Jigifieri jien bqajt difettuza anki nahsel l-art jew xi hwejjeg ma noghrokx, il-mummy toghrokli ghaliex inkella nqum b'idejja minfuha l-ghada".

(x) It-Tribunal huwa tal-fehma li ma jistax jimponi fuq principal impjegat li ma jista' jaghmel l-ebda xoghol. Mhux ekonomikament viabbli li taghmel impozizzjoni bhal din, specjalment fuq kumpanija zghira b'rizorsi limitati u bi swieq limitati.

9. <u>DECIZJONI</u>

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha li ssemmew fil-paragrafu 8 hawn fuq, it-Tribunal unanimament jiddeciedi hekk:-

(i) Mrs Josephine Bugeja ghandha tidher quddiem il-Bord tal-Invalidita tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali (b'urgenza), biex dan il-Bord jiddeciedi jekk hix tajba ghax-xoghol, jew jekk le, hi tkun intitolata ghall-penzjoni tal-invalidita.

(ii) Jekk Mrs Bugeja tkun misjuba tajba ghax-xoghol (skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Invalidita), hija

.../17

ghandha tirregistra isimha skond l-Att Nru11 tal-1969, Disabled Persons (Employment) Act, 1969, u trid imbaghad terga' tigi impjegata mill-Bleimund (M) Ltd, li m'ghandhomx skond l-imsemmi Att Nru 11 tal-1969, il-quota rikjesta ta' 2% ta' impjegati inkapacitati fl-impjieg taghhom.

(iii) Marhtul il-perijodu li Mrs Bugeja tinsab barra mix-xoghol u sakemm il-Bord tal-Invalidita hawn fuq imsemmi jiddeciedi skond paragrafu 9 (i) t'hawn fuq, hija ghandha tidher fuq il-kotba tal-Kumpanija Bleimund (M) Ltd, li qieghda b'leave bla paga imma tkun intitolata ghal beneficcju tal-mard, l-bonus, u dawk il-beneficcji kollha mahruga mill-Gvern ghall-haddiema li jkunu hallsu l-kontribuzzjonijiet tan-National Insurance.

B'hekk tintemm din it-tilwima tax-xoghol.

STANLEY J.A. CLEWS
Chairman

SYDNEY GATT
Membru

EDDIE PRIVITERA
Membru

EDWARD D'AGOSTINO
Segretarju

24 ta' Frar, 1987

dm